**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru 422/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs.**

**Ryan Bartolo**

Illum l-10 ta' Gunju 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Ryan Bartolo ta' 30 sena, bin missier mhux magħruf u Antonia nee' Bartolo, imwieled Pieta', fit-12 ta' Frar 1989, residenti West Gate Crt, Mais 1, Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 171589M.

Akkużat talli f'Awwissu 2016 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. Kont kompliċi f'serq ta' mediċina li tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) billi xewwixt lil ħaddieħor inkella saħħaħt il-volonta' tagħha sabiex tagħmel id-delitt, jew wegħedt li wara l-fatt tassistiha, tieqaf magħha jew tikkompensaha għad-dannu tal-kumpanija Actavis Ltd;

2. U aktar talli xjentement ilqajt għandek jew xtrajt ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indħalt biex tbiegħhom jew tmexxihom u dan għad-dannu tal-kumpanija Actavis Ltd:

3. U aktar talli qiegħedt prodott mediċinali fis-suq f'Malta kemm-il darba ma kellekx awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq mill-Awtorita' dwar il-Liċenzjar

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna l-konfiska ta' l-oġġetti maqbuda kif ukoll tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali li sar fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2019, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

[1] Folio 13 ta' l-atti processwali
[2] Folio 15-16 ta' l-atti processwali

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar il-5 ta' Frar 2021.[3]

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha provi xi tressaq nhar is-16 ta' Novembru 2021.[4]

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni li saret fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2022.[5]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti u fliet l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal perjodu ta' Awwissu 2016 u l-granet u x-xhur ta' qabel meta l-imputat kien ftiehem ma' persuna ohra sabiex ibieghu pilloli misruqa u jaqsmu l-qliegh bejniethom.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

[3] Folio 134 ta' l-atti processwali
[4] Folio 106 ta' l-atti processwali
[5] Folio 108-109 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2019 xehdet **l-Ispettur Doriette Cuschieri**, stazzjonata fl-Economic Crimes Unit, li spjegat li f'Awwissu 2016, il-pulizija rceviet informazzjoni minghand certu Mark Cilia, ufficjal tal-Medicines Authority li kien hemm xi avvizi fuq is-sit Maltapark li kienu qed jirreklamaw il-bejgh ta' xi medicini. L-Awtorita' saret taf b'dawn ir-riklami wara li giet ikkuntattjata mill-kumpanija Actavis, li timmanifattura din il-medicina f'Malta. Wara stharrig li sar bl-assistenza tas-Cyber Crime Unit u Melita plc, irrizulta li l-indirizz IP relattiv kien jindika r-residenza West Gate Maisonette 1, Triq F.M. Ferretti, Birzebbuga, li hija r-residenza tal-imputat Ryan Bartolo u certu Claudia Bondin. Kien hemm abbonament tal-Melita iehor fuq l-istess indirizz li jghajjat lil Alexis Bondin, oht Claudia Bondin, li incidentalment tahdem mal-kumpanija Clentec u hija stazzjonata bhala fattiga fil-fabbrika tal-Actavis. Kien inhareg mandat t'arrest u tfittxija fil-31 t'Awwissu 2016 u mid-dar tal-imputat gew elevati 17-il kaxxa tal-50mg u 10 kaxxi tal-100mg tal-medicina Sildenafil. L-imputat kien ikkoopera mal-pulizija u wara li inghata s-soliti drittijiet, stqarr li huwa kien ghamel ir-reklami in kwistjoni biex ibiegh il-medicina li kien jikseb minghad persuna f'Hal Qormi li baqa' ma zvelax ismu. Nhar l-4 ta' Lulju 2019 l-imputat ta stqarrija ohra fejn kien ikkonceda li l-medicina taghtielhu Alexis Bondin, oht il-mara tieghu u l-pjan kien li meta jsir il-bejgh, jaqsmu nofs bin-nofs.

Fl-istess seduta xehed **PC 1600 Gilbert Gatt**, stazzjonat fl-Economic Crimes Unit, li spjega li nhar il-31 t'Awwissu 2016 kien involut fl-arrest tal-imputat Ryan Bartolo wara li kien inhareg mandat ghal dak l-skop. Ikkonferma li waqt it-tfittxija fir-residenza West Gate Maisonette 1, Triq F.M. Ferretti, Birzebbuga instabu 17-il kaxxa tal-50mg u 10 kaxxi tal-100mg tal-medicina Sildenafil. Ix-xhud kien prezenti ukoll meta ttiehdet l-itqarrija tal-imputat. In kontro-ezami, ikkonferma li l-imputat kien ikkoopera mal-pulizija f'kull mument.

Fl-istess seduta xehed **Patrick Cachia**, CEO tal-kumpanija Actavis li kkonferma li l-kumpanija kienet ghamlet rapport mal-Medicines Authority dwar reklami li dehru fuq is-sit Maltapark li kienu jittrattaw dwar medicinali li tipproduci l-kumpanija. Il-prodott in kwistjoni kien verzjoni generika tal-Viagra. Jaf li l-Medicines Authority kienet involviet ukoll lill-Pulizija, fejn mill-investigazzjonijiet li saru, l-pulizija waslu ghal min kienet il-persuna li herget il-medicini in kwistjoni. Din il-persuna kienent tahdem ma' Clentec, li huwa l-kuntrattur responsabbli mit-tindif tal-fabbrika. Ikkonferma li kien gharaf il-medicinali elevati mill-Pulizija bhala prodotti ta' Actavis. In konkluzjoni spjega li l-kumpanija hadet din il-materja bis-serjeta' kemm minhabba l-isem taghha u aktar minhabba li l-medicini in kwistjoni jistghu ikunu perikoluzi jekk jintuzaw minghajr direzzjoni medika u filfatt jistghu jinbieghu biss mill-ispizeriji bir-ricetta tat-tabib.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 xehed **Mark Cilia**, ufficjal tal-Medicines Authority. Ix-xhud ikkonferma li dwar dan il-kaz, kien dahal rapport mill-kumpanija Actavis li xi medicini li hija tipproduci kienu qed jinbieghu onlajn. Stqarr li minn ricerka li ghamel, l-imputat Ryan Bartolo m'ghandux licenza sabiex jimmanifattura, jimporta, jahzen, jiddistribwixxi jew ibiegh prodotti medicinali u ma kienx jaf min hu qabel dan il-kaz.

Fl-istess seduta xehdet **Emily Abela**, rapprezentant ta' Melita plc, li b'referenza ghar-rikjesta ghal informazzjoni tal-pulizija tal-21 t'Awwissu 2016, spjegat li minn ricerka li ghamlet, l-indirizz IP 8820349167 kien registrat fuq certu Claudia Bondin, bl-indirizz Wetsgate, Maisonette 1, Triq F.M. Ferretti Birzebbuga. L-indirizz 8802355209 kient registrat fuq certu Alexis Bondin,

toqghod fl-istess indirizz u fl-ahharnett, l-indirizz 922518619 kien registrat fuq Claudia Bondin li ukoll toghod fl-istess indirizz.

Fl-istess seduta xehed **PC 83 Wayne Bonello**, stazzjonat fid-Dipartiment tal-IT tal-Pulizija. Huwa kkonferma li meta kien ghadu stazzjonat fis-Cyber Crime, b'referenza ghall-kaz odjern, kien ghamel rikjesta ghall-informazzjoni lil Elton Gatt, minn Maltapark, sabiex jipprovdi id-dettalja tal-IP tal-utent tal-kont "Kikcer" li kien tella' z-zewg reklami. Ix-xhud imbaghad ivverifika l-indirizzi tal-IP mal-fornitur Melita plc u rrizulta li l-indirizz 88.203.49.167 kien jghajjat lil certu Claudia Bondin, li toqghod Wetsgate, Maisonette 1, Triq F.M. Ferretti Birzebbuga. Kien hemm indirizz iehor, u cioe' 92.251.86.194 pero' ma nstabitx informazzjoni waru minhabba li kienu ghaddew star minn 6 xhur li huwa l-perjodu ta' zamma tad-data.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2021 xehdet **Claudia Bartolo Bondin** li spjegat li hija l-mara tal-imputat li madankollu qieghdin fi process ta' separazzjoni u wara li kienet debitament imwissija, ghazlet li tixhed xortawahda. Stqarret li fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kien jghix maghha f'Birzebbuga u tiftakar li darba minnhom kienu gew il-pulizija u l-imputat kien ikkoopera maghhom u tahom il-kaxxi tal-medicina. Dawn il-medicini, li kienu Viagra, kienet hargithom ohtha Alexis Bondin mill-fabrika tal-Actavis fejn kienet tahdem dak iz-zmien. Skont l-gharfien tax-xhud, l-imputat kien imbaghad ha hsieb li jirreklama l-medicini bil-ftehim li d-dhul jinqasam nofs bin-nofs, ghalkemm hadd ma kien attwalment xtara minnhom. In kontro-ezami stqarret li kienet taf dwar x'kien il-ftehim dwar il-flus minhabba li kienet semghat lill-imputat u lil ohtha jitkellmu dwar dan. Qalet ukoll li kienet taf li ghal bidu, l-imputat prova jiehu l-htija kollha hu biex jghatti lill-ohtha li effettivament kienet hi li hadet il-medicini.

Fl-istess seduta xehdet **Alexis Bondin**, li wara li indikat li l-proceduri li kien hemm fil-konfront taghha kienu konkluzi, spjegat li hija kienet tahdem fil-mahzen tal-kumpanija Actavis bhala fattiga izda nnegat li hija kienet hadet xi affarijiet min hemmekk, u dan minkejja li kienet ammettiet ghall-akkuzi ta' serq fil-proceduri li kien hemm kontriha. Skont hi, l-imputat Ryan Bartolo kien qal li gab il-pilloli minghand xi hadd f'Hal Qormi. In vista ta' certu insistenzi minn naha taghha, ix-xhud giet dikjarata bhala ostili. Iddikjarat li llum la tkellem lill-imputat u lanqas lill-ohtha Claudia Bondin. Eventwalment, wara insistenza mill-Qorti, ammettiet li kienet hi li harget il-pilloli in kwistjoni u ghaddiethom lill-imputat biex ibieghhom u dan minhabba li kienet "fuq sieq wahda" mill-flus. Il-ftehim kien li jaqsmu nofs bin-nofs. Ix-xhud spjegat li kien hemm linja tal-internet fid-dar t'ohtha tghajjat lilha minhabba li hija kienet abbonat ghal din il-linja f'isimha bhala rigal lit-tifel t'ohtha, u cioe' n-neputi taghha. Ix-xhud gharfet ir-ritratti tal-pilloli in kwistjoni, li qieghdin ezebiti a folio 33 tal-atti.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni – Komplicita' f'serq ikkwalifikat bil-valur**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli kien komplici f'serq ta' prodotti medicinali mill-kumpanija Actavis Ltd skont l-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali li jghid:

*"42. Persuna titqies komplici f'delitt jekk hija-*

*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.*

Illi l-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqatkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa udisgħin ċenteżmu (232.94).*

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[6]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[7]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

*'5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".'*

[6] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

Is-serq li bih giet mixli l-imputat f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikoli 261(c) u 267 tal-Kodici Kriminali li jinkwadraw s-serq ikkawlifikat bil-valur. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss din il-kwalifika.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**It-tieni imputazzjoni – Ir-reat ta' ricetazzjoni**

L-imputat tressaq akkuzat bl-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali talli:

*U aktar talli fl-istess perjodu f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biexitbieghhom jew imexxihom.*

Il-gurisprudenza nostrana tghallem illi l-elementi li ghandhom jigu ppruvati in sostenn tar-reat ta' ricetazzjoni huma s-segwenti:

a) L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi oggett li huwa effetivament misruq b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, u

b) Tali serq, akkwistat b'qerq jew akkwistat b'mod iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe' mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricetazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Alfred Brown**[8] gie kkunsidrat li:

*'Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) 11 ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l- oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Godwin Spiteri**[9] gie kkunsidrat li:

*'Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 360/2010)

*kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*[10]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima**[11] dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat gie ritenut:

*"L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi…"*

L-istess Qorti tikkowota l-gurista **Francesco Antolisei** li jghid:

*Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.*

---

[10] Ara Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, 16 ta' Dicembru 1998

[11] Qorti tal-Appell Kriminali, S.T.O Prim Imhallef Emeritus V. De Gaetano, Deciza 25 ta' Ottubru 2002

In oltre l-gurista **Manzini** jghallem illi:

*"Poiche' il denaro o le cose, che possono essero ogetto del delitto di ricetazzione, debbono provenire da un delitto, ne segue che non puo' esservi 'ricettazzione' senza che il fatto si riconnetta ad un delitto anteriore."*[12]

Il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li l-imputat xjentement laqgha ghandhu dawn l-oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Ma huwiex prova sal-grad rikjest mill-ligi li suspett li dawn l-oggetti setghu ttiehdu b'reat huwa bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni.

**It-tielet imputazzjoni**

Illi l-artikolu 20(1) ta' l-Att Dwar il-Medicini, Kapitolu 458 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*Hadd ma għandu jqiegħed prodott mediċinali fis-suq f'Malta kemm-il darba ma jkollux awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq mill-Awtorità dwar il-Liċenzjar, skont id-dispożizzjonijiet ta'dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew regoli magħmulin taħtu:*

**Ikkunsidrat**
**Provi mressqin mill-prosekuzzjoni**

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Doriette Cuschieri[13] irrizulta li l-pulizija minghand certu Mark Cilia ghan-nom ta' l-Awtorita' dwar il-Medicini li kien hemm xi avvizi fuq Maltapark fejn kien qed issir bejgh ta' pilloli minghajr awtorizzazzjoni.

Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li l-indirizz tal-IP li ntuza kien registrat fuq indirizz Birzebbugia, West Gate, Maisonette 1, Triq F M Ferretti,

[12] Trattato di Diritto Penale Italiano di Vincenzo Manzini, VOume Nono, Folio 914
[13] Folio 17-21 ta' l-atti processwali

Birzebbugia fejn kien jghix l-imputat.  Irrizulta wkoll li certu Alexis Bondin li kienet qed tghaddilu l-pilloli misruqa kellha indirizz tal-IP registrat fuq dan l-indirizz ukoll.

Minn aktar stharrig irrizulta li Alexis Bondin kienet tahdem ma kumpannija ta' tindif Clentec li kienet tnaddaf gewwa l-Actavis u fejn kienet stazzjonata Bondin.

Wara li l-pulizija nghatalu mandati ta' arrest u tfittxija fil-konfront taz-zewg persunsi, il-pulizija accedew fuq dan l-indirizz gewwa Birzebbugia fejn kienu sabu lill-imputat li kien ghaddielhom il-medicina mohbija gewwa gwardarobba.  Skond ix-xhud:

*"L-imputat kien mill-ewwel ikkoopera mal-pulizija fejn kien tahom l-imsemmija medicina li hu kien qal li ghamel hu stess dawn ir-reklami fuq Maltapark.  Fil-fatt gew elevati sbatax il-kaxxa tal-fifty milligrams kif ukoll ghaxar kaxxi tal-hundred milligrams tal-medicina Sildenafilli."*[14]

L-ispettur stqarret ukoll li meta kienet saret l-ewwel interrogazzjoni tieghu fis-sena 2016 kien tahom verzjoni mod ta' kif kienu gewwa ghandu dawn il-pilloli. Kien biss tlett snin wara, fis-sena 2019, meta kien rega tah il-verzjoni tieghu li zvela u kixef ma min kien qed jaghmel dan il-kontrabandu.

Mix-xhieda ta' Patrick Cachia[15] irrizulta li l-kumpannija Actavis kienet ghamlet rapport ma' l-Awotorita' dwar il-Medicini li kien qed issir reklam fuq Maltapark ta' pilloli minghajr licenzja li kienu jirrizultaw kien ifabbrikati mill-

[14] Folio 18 ta' l-atti processwali
[15] Folio 27-32 ta' l-atti processwali

Actavis. Ix-xhud ipprezenta zewg riklami li kienu ingibdulhom ghall-attenzjoni taghhom.[16]

Minn investigazzjoni interna tal-Actavis u in kollaborazzjoni mal-pulizija irrizultalhom li wahda mil-hassiela li kienet tahdem mal-kumpannija Clentec, kienet qed tisraq dawn il-pilloli. Il-kumpannija Clentec kienet ingaggata sabiex taghmel tindif gewwa l-fabbrika.

Meta sussegwentement kienu gew elevati l-prodotti misruqa minn gewwa l-indirizz gewwa Birzebbugia, l-kumpannija kienet identifkat il-prodotti bhala dawk taghhom. F'dawn ir-rigward ix-xhud esebixxa rapport[17] li jidentifkaw dawn il-prodotti partikolari li kienu gew misruqa minnghandhom.

Ix-xhud enfassiza li dawn il-pilloli jistghu jitihedu biss b'ricetta ta' tabib u jinxtraw minn go spizerija biss taht supervizjoni u m'ghandhom jigu amministrati min hadd minghajr din il-gwida ghaliex jista jikkawzalhom hsara personali.

Mix-xhieda ta' PC1600 Gilbert Gatt irrizulta li kien wiehed mill-pulizija li attenda ghal mandat ta' arrest u tfittxija kif ukoll kien prezenti ghat-tehid ta' wahda mill-istqarrijiet. In kontro ezami, ix-xhud ikkonferma li l-imputat kien ikkopera maghhom u urihom fejn kienu l-kaxxi bil-pilloli.

Mix-xhieda ta' Mark Cilia[18] irrizulta li bhala Direttur ta' l-Ispettorat gewwa l-Awtorita dwar il-Medicini kienu ircevew informazzjoni mil-kumpannija

[16] Dok PC1 Folio 33-34 ta'l-atti processwali
[17] Dok PC2, Folio 35-36 ta' l-atti processwali
[18] Folio 45-48 ta' l-atti processwali

Actavis li kien hemm xi medicini li kienu qed jinbieghu minghajr awtorizzazzjoni.

Illi meta ghamlu l-verifiki taghhom irrizulta li l-imputat ma kellu ebda licenzja mahruga f'ismu sabiex *jimmanifattura, jimporta, jistorja, jiddistribwixxi jew ibiegh jew ipoggi fuq is-suq medicini, prodotti medicinali taht l-Att tal-Medicini.*[19]

Mix-xhieda ta' Emily Abela[20] li dehret in raprezentanza ta' Melita Ltd irrizulta li l-indirizz tal-IP 8820349167, 8802355209 u 9225186194 kienu kollha rregistrati fl-indirizz West Gate, Maisonette One, Triq FM Ferretti, Birzebbugia. L-ewwel u t-tielet numru kienu f'isem Claudia Bondin u t-tieni wiehed f'isem Alexis Bondin. Ix-xhud esebit prova dokumentarju dwar dawn il-fatti.[21]

Mix-xhieda ta' Wayne Bonello[22] li jahdem fid-Dipartiment ta' l-IT fi hdan ic-Cyber Crime Unit irrizulta li meta investigaw l-URL's taz-zewg riklami fuq Maltapark li kienu qed jirriklamaw il-pilloli irrizulta li dawn kienu saru mill-indirizz ta' l-IP 92.251.86.194, kif ukoll bil-indirizz postali ZBR 08.

Ix-xhud stqarr ukoll li *"last log int date li kien fis-sebgha ta' Awwissu two thousand sixteen u l-log in IP, aw last long in IP 88.203.49.167."*

Illi dawn kienu registrati f'isem Claudia Bondin b'indirizz West Gate, MSO1, Triq FM Ferretti, Birzebbugia, BBG 05. In sostenn dawn il-fatt, ix-xhud esebixxa prova dokumentarja tax-xoghol tieghu.[23]

[19] Folio 46 ta' l-atti processwali
[20] Folio 49-51 ta' l-atti processwali
[21] Dok EP1, Folio 52-53 ta' l-atti processwali
[22] Folio 54-60 ta' l-atti processwali
[23] Dok WB1, Folio 61-64 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' Claudia Bartolo Bondin[24] irrizulta li hija mart l-imputat u li wara li gie informata dwar id-drittijiet taghha f'dak li jikkoncerna x-xhieda taghha fil-konfront ta' zewgha ghazlet li tixhed.

Ix-xhud ikkonferma li fiz-zmien tar-reat hi u l-imputat kienu jghixu gewwa l-istess indirizz f'Birzebbugia. Bondin stqarret li kienet ohtha, Alexis Bondin, li kienet hargithom mix-xoghol taghha fl-Actavis. Wara li kienet gabithom id-dar, l-imputat *"Ryan kien tefaghom fuq il-Maltapark biex ibieghhom."*[25]

Il-ftehim bejn Alexis u l-imputat kienet li hu ibieghom u mbaghad jaqsmu l-flus bejniethom. Din l-informazzjoni tafha ghaliex kienet tisma l-konversazzjonijiet ta' bejniethom fuq dan is-suggett.

Mix-xhieda ta' Alexis Bondin[26] irrizulta li hija oht il-mara ta' l-imputat. Ix-xhud kienet il-persuna li kienet originarjament serqet il-pilloli minn gewwa l-fabbrika tal-kummpanija Actavis. Illi x-xhud ikkonfermat li ta' dan ir-reat kienet gie agudikati mill-Qrati wara li ammetiet l-involviment taghha, liema sentenza ma kienetx appellat.

Madankollu x-xhud stqarret li ammettiet kontra qalbha u bdiet tinnega li serqet il-pilloli in kwistjoni. Minkejja li l-Qorti tat diversi twissijiet lix-xhud hi nnegat li kienet ghaddiet dawn il-pilloli lill-imputat u li kienet hadet xi haga minn ghand l-Actavis. F'dan l-istadju l-prosekuzzjon talbet li x-xhud tigi ddikjarata xhud ostili sabiex issirulha domandi diretti.

---

[24] Folio 72-83 ta' l-atti processwali
[25] Folio 76 ta' l-atti processwali
[26] Folio 84-103 ta' l-atti processwali

Wara li bdew isirulha domandi diretti bdiet tinnega ghal kollox li qatt tkellmet ma' l-imputat fuq dawn il-pilloli u ma kienitx taf kif dawn il-pilloli spiccaw ghand l-imputat minn ghand l-Actavis. Meta x-xhud giet ikkonfrontatha bit-tieni stqarrija ta' l-imputat, ix-xhud baqghet tinnega ebda involviment taghha. Madankollu, ix-xhud regghet biddlet il-verzjoni taghha u ammetiet li kienet hi li harget il-pilloli mill-fabbrika u ghaddiethom lill-imputat. Il-ftehim kien li hu ibeighom u imbaghad jaqsmu l-flus bejniethom. Wara li x-xhud giet murija r-riklam fuq Maltapark li kien tella' l-imputat, ix-xhud ikkonfermat li dak kien.

**Ikkunsidrat**

**Il-verzjoni ta' l-imputat**

Illi waqt is-smiegh tal-kawza l-imputat ghazel, bid-dritt tieghu, li ma jaghtix ix-xhieda tieghu. Madankollu l-imputat gie interrogat u ttehdulu zewg stqarrijiet.

Illi l-ewwel stqarrija ta' l-imputat Ryan Bartolo ittiehdet nhar il-31 ta' Awwissu 2016 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Doriette Cuschieri, fil-prezenza ta' PS 856 Conrad Falzon. L-istqarrija ittiehdet wara li kienet inghatatlu s-solita twissija dwar xiex kien qed jigi investigat u wara li nghatawlu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[27].

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-

[27]Folio 7-9 ta' l-atti processwali

prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u rrinunzja ghalih.[28]

L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija. L-imputat ikkonferma li hu jahdem bhala burdnar u *"delivery"* mal-kumpannija Concorde.

Fl-istqarrija l-imputat jammetti li hu kien iriklama prodotti medicinali ghall-bejgh fuq is-sit Maltapark tat-tip Sildenafil.

*"M. Il-Pulizija ghandha rapport li qed jinbieghu prodotti medicinali fuq Maltapark bl-isem ta' Sildenafil tal-kumpanija Actavis, x'taf tghidli dwarhom?*

*T. Dawn il-pilloli tfajthom ghal bejgh jien fuq Maltapark.*

*M. Minn fejn gibthom dawn il-pilloli?*

*T. Kien cempilli habib tieghi fejn qalli li kien hemm wiehed ghandu l-viagra ghal bejgh u staqsieni jekk irridx li hu jaghtih in-numru tieghi biex jatini halli jien inbiegh u jien accettajt."*

Madankollu, l-imputat ma zvelax min kien dan il-persuna u innega li kien jaf persuni jahdmu l-Actavis. L-imputat jghid li dan il-persuna iltaqa' mieghu tlett darbiet u dejjem cempillu minn numru privat u kienu jiltaqa' hdejn *roundabout*. L-ahhar darba li kien iltaqa' ma dan il-persuna kien fil-bidu ta' Awwissu 2016. Iktar minn hekk, l-imputat ma kellux informazzjoni.

Fl-istqarrija, l-imputat ikompli jispjega li kien xtara tlett pakketti li jkun fihom ghaxar kaxxi kull pakkett. Tnejn mill-pakketti kienu ta' 50mg u pakkett kien

[28] Folio 10 ta' l-atti processwali

ta' 100mg. Minn dawn irnexxilu ibiegh zewg kaxxi ta' 50mg wara li ha ritratti taghhom u irriklamhom ghal-bejgh fuq Maltapark. L-imputat kien jixtri dawn il-pilloli bil- hamsin centezmu (50c) kull pillola u jibieghom bil-ewro u hamsin centezmu (€1.50c) kull pillola.

L-imputat, fl-istqarrija jammetti li m'ghandux licenzja sabiex ibiegh medicina u jikkonferma wkoll li kien jaf ukoll li mhux suppost kellu biegh din il-medicina minghajr licenzja.

Illi t-tieni stqarrija ta' l-imputat Ryan Bartolo ittiehdet nhar il-4 ta' Lulju 2019 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Doriette Cuschieri, fil-prezenza ta' PC 1600 Gilbert Gatt u WPC 88 Jessica Caruana. L-istqarrija ittiehdet wara li kienet inghatatlu s-solita twissija dwar xiex kien qed jigi investigat u wara li nghatawlu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[29].

Illi wara li l-imputat inghata d-drittijiet tieghu taht l-Iskeda E tal-Kodici Kriminali u wara li qara hu stess u ikkonferma li fehem id-drittijiet tieghu, li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u rrinunzja ghalih.

L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija u jinforma lill-pulizija li l-persuna li ghaddielu l-informazzjoni huwa certu Alexis Bondin. Din il-persuna tigi oht il-mara tieghu.

Jghid ukoll meta mistoqsi kif kienet tisraqhom

[29]Folio 11-12 ta' l-atti processwali

*"Hi kienet tahdem hemm, darba minnhom Alexis kienet giet id-dar u gabet il-pirmli maghha. Dawn kienu Viagra Sildenafilo u kienet qaltli biex inzhommom jien. Hi kienet qaltli biex nara nsibx inbihom u kien ghalhekk li tfajthom fuq Maltapark."*

Il-ftehim ta' bejniethom kien li ibieghom u jaghtiha nofs il-flus. L-imputat stqarr ukoll li kien qed ibiddel il-verzjoni tieghu ghaliex l-ewwel darba ma riedx jikxifa. L-imputat spjega li Bondin kienet tohrog dawn il-pilloli mil-fabbrika ta' l-Actavis fejn kienet tahdem.

L-imputat ammetta wkoll li kien jaf li kienu misruqa.

*"M: Int taf li dawn il-pinnoli kienu qed jigi misruqa minn Actavis?*

*T. Mela hu, kienet tohroghom minn hemm."*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi kollha mressqin tal-prosekuzzjoni din il-Qorti m'ghandiex dubju li l-imputazzjonijiet kif dedotti jirrizultaw.

Il-Qorti tara li x-xhieda jikkorraboraw il-fatti u maghdud mad-dokumenti esebiti jirrizulta car li l-imputat kien ghamel ftehim sabiex jilqa' ghandu oggetti misruqa u jerga jbiehom minghajr awtorizzazzjoni. Jirrizulta li l-imputat kien wasal fi ftehim ma' Alexis Bondin fejn hi kellha tisraq il-medicina in kwistjoni, bil-patt li imbaghad hu jiehu hsieb ibieghom u jinqasmu l-flus bejniethom. Tant kien minnu dan il-pjan, li l-imputat kien propju gie ghall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet meta beda jirreklama l-medicina in kwistjoni.

Ghalhekk, wara li din il-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet kollha mressqa kontra l-imputat u sejra tghaddi sabiex issibu hati taghom.

**Ikkunsidrat**

Illi ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputat.[30] Il-fedina penali ta' l-imputat mhix netta b'diversi sentenzi registrati kontrih sas-sena 2010. Minn din is-sentenza jirrizulta li hemm sentenza registrata relatata mas-serq.

- Fl-istqarrija li l-imputat ta' fis-sena 2016, l-imputat kien ta lill-pulizija verzjoni ta' fatti li ma kienux minnhom u dan minkejja li kien stqarr li kien lest li jikkoopera mal-pulizija sabiex jinqabad min hu responsabbli.[31]. Illi meta rega ta l-istqarrija tieghu tlett snin wara irrizulta li certu twegibiet li kien ta l-ewwel darba ma kellhomx mis-sewwa u kienu servew biss biex jizvijaw lill-pulizija fl-investigazzjoni taghhom. F'kull kaz, ta' min jinnota wkoll li fit-tieni stqarrija l-imputat kien zvela u kixef min kienet il-persuna li kienet qed tisraq il-medicina u tghaddihielu sabiex ibieghha bi qliegh.

- Illi l-Qorti tqis ukoll li t-tieni imputazzjoni hija kompriza fl-ewwel imputazzjoni tas-serq.

**Decide**

[30] Folio 12-25 ta' l-atti processwali
[31] Folio 9 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42(e), 261(c), 267, 279(a), 334(a), 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 20(1) u 99(1)(a) tal-Kapitolu 458 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Ryan Bartolo **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u konsegwentement tikkundannah fir-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjoni tikkundannah piena ta' sena wahda (1) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tliet (3) snin millum u fir-rigward it-tielet imputazzjoni multa ta' tnax il-elf Ewro (€12,000) li ghandhom jithallsu fiz-zmien massimu skont l-artikolu 14 (2) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt (il-pilloli esebiti bhala Dok DC1.)

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar l- 10 ta' Gunju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**